# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 1911

Każ Nru 2458/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Claudio Tonolla

u

Mediterranean Bank plc (C 34125)

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 18 ta' Frar 2009

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors maghmul fid-9 ta' Frar 2007 mill-Avukati Adrian Muscat Azzopardi u Frank B. Testa ghan-nom ta' Claudio Tonolla fejn ġie allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mal-Mediterranean Bank plc fil-21 ta' Diċembru 2006. Il-Bank Appellat li kien rappreżentat minn Frederic Villa, *Chief Executive Officer*, assistit mill-Avukat Nicolai Vella Falzon, jinnega dan.

Inżammu hdax-il seduta.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jinghad li minhabba nuqqas infrastrutturali li jrid ihabbat wiċċu maghhom it-Tribunal, kif ukoll minhabba l-kumplessità tal-każ, in-numru ta' seduti u d-differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li dan jinqata' fi żmien xahar kif preskritt mill-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellant Claudio Tonolla kien ilu jaħdem bħala *Head of Wealth Management* mal-Bank Appellat sa minn Lulju tal-2005. Fil-21 ta' Diċembru 2006 huwa ġie liċenzjat peress li ġie allegat li ma kienx iġib ruħu tajjeb mas-superjuri u l-impjegati, juri nuqqas ta' rispett lejn is-superjuri tiegħu, sokor u ġlied, ikollu nuqqas ta' komunikazzjoni mall-klijenti, jonqos mill-obbligi tiegħu u raġunijiet oħra. L-Appellant jiċħad dan kollu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Il-Bank Appellat ipprovda katalogu sħiħ ta' allegati nuqqasijiet, infrazzjonijiet u omissjonijiet da parti ta' l-Appellant waqt il-karriera qasira tiegħu ma' l-istess Bank. Dawn jistgħu jinqasmu f'żewġ gruppi, dawk professjonali u oħrajn personali jew etiċi. It-Tribunal studja dawn l-infrazzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet li ta l-Appellant dwarhom. Dawk professjonali jinkludu nuqqas ta' komunikazzjoni mad-Diretturi, nuqqas ta' taħriġ lill-impjegati li jiddependu minnu, li naqas li jipproduċi riżultati posittivi fil-ħidma tiegħu u traskuraġni fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet soċjali waqt il-ftuħ uffiċjali tal-istess Bank. Dawk ta' natura personali jinkludu tilwim bl-għajjat f'post pubbliku ma' Direttur u Azzjonist tal-Bank, ilbies mhux addattat, tixrid ta' *e-mail* lill-impjegati ta' taħtu, li tidher li tirredikola il-*management* u li għandha wkoll frasijiet volgari, u xorb żejjed li jammonta għal sokor.

Meħudha waħda waħda l-maġġoranza ta' l-infrazzjonijiet ma jammontawx għal dak li wieħed jista' forsi jindika bħala bażi biex tiġġustifika tkeċċija, għad li hemm minnhom li huma ta' livell serju ħafna. Iżda meħudin fl-assjem totali tagħhom dawn in-nuqqasijiet jixhdu biċ-ċar komportament li xejn ma hu konformi ma' kif għandu jġib ruħu *senior manager* f'kumpanija kummerċjali. Iktar minn hekk il-posizzjoni li kellu l-Appellant f'qasam hekk delikat bħal ma hu l-qasam finanzjarju kienet tinħtieġ attenzjoni ferm aktar bir-reqqa għar-regoli elementari ta' *management*. Kif jista' wieħed jaċċetta li f'okkażjoni bħal inawgurazzjoni tal-Bank l-Appellant jasal tard u wara ikollu xi jgħid ma' wieħed mid-Diretturi u Azzjonisti tal-Bank fil-preżenza ta' klijenti prospettivi tant li kellu jinħareġ 'il-barra! Jew li jipprova jiġġustifika ruħu meta bagħat lill-impjegati ta' taħtu *e-mail* li timmina l-*management* billi jgħid li hu kien parti mill-istess *management* u allura kien qed jikkritika lilu nnifsu wkoll! L-Appellant ipprova jagħti r-raġunijiet u jispjega l-atteġġjament tiegħu dwar in-nuqqasijiet li kien addobbat bihom. Iżda fil-fehma tat-Tribunal ftit irnexxilu jiġġustifika sodisfaċentement dawn in-nuqqasijiet. It-Tribunal iqis illi l-kumulu ta' nuqqasijiet li l-biċċa l-kbira ġew sodisfaċentement ippruvati ma

jħallu l-ebda dubju li l-Bank Appellat irnexxilu jipprova r-raġuni għat-tkeċċija u l-livell ta' suffiċjenza rikjest mill-liġi biex ikun hemm liċenzjament.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali isib illi l-liċenzjament ta' l-Appellant Claudio Tonolla minn mal-Bank Appellat Mediterranean Bank plc kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Drittijiet

Ai termini ta' l-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini
Chairman

Vera kopja
Mary Rose Galea
Għas-SEGRETARJU